MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1628/2005

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Micallef Donald**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Lulju 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u sitta u tletin Liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm736.59), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2006, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u sitta u tletin Liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm736.59), bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------